# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' l-21 ta' Gunju 2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spettur Fabian Fleri,**
**Spettur Lydon Zammit,**
**Spettur Stephan Gulia)**

**vs**

**Shaun Ray Belli**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Shaun Ray Belli** ta' 29 sena, iben Raymond Belli u Emma Diane neè Grima, imwieled fis-sittax (16) ta' April tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) ġewwa l-Awstralja, detentur tal-karta tal-identità 513517L u residenti ġewwa 37, Flat 4, Triq Feliċ, Bormla:

1. Talli fid-29 ta' Awissu 2020 għal ħabta ta' bejn l-10:15 u 10:30 ta' filgħodu ġewwa Triq Lampuka, Tarxien ikkommetta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Maria Carmela Farrugia, anzjana ta' tlieta u sebgħin (73) sena, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u

għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37). *Artikolu 257D(1)(b), Artikoli 261(b)(c), 263(b), 267, 278(2), 280(2), tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr Monica Vella LL.D, datata 27 ta' Novembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'każ ta' htija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Lara Butters li bil-gurament taghha qrat u kkonfermat l-akkuzi migjuba kontra l-Imputat u pprezentat inter alia il-fedina penali tal-Imputat.

Semghet, waqt is-smiegh tal-kaz nhar il-11 ta' Settembru 2020, lill-istess Imputat li kien debitament assistit, jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2020[1].

Rat il-pre-sentencing report li kien gie pprezentat nhar is-17 ta' Settembru 2020[2], liema rapport kien gie kkonfermat bil-gurament waqt is-smiegh tal-kaz nhar it-12 ta' Jannar 2021[3].

Rat li fis-seduta tal-21 ta Gunju 2022 l-imputat radd lura l-ammont dovut lill-parte civile

Rat l-atti kollha tal-kaz.

IKKUNSIDRAT:

---

[1] A fol. 17
[2] A fol. 23 u 28 et seq.
[3] A fol. 27

L-Imputat, debitament assistit, wiegeb hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u moqrija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2020. Il-Qorti wissietu b'mod mill-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa zamm mal-ammissjoni li kien ghamel.

Ghall-finijiet dwar il-piena, l-Qorti kkunsidrat li l-Imputat ammetta l-hitja tieghu fi stadju bikri.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-l-Pre-Sentence Report bin-numru tar-referenza PSR 20/38 datat it-12 ta' Jannar 2021. Mir-Rapport jirrizulta li l-Imputat meta kien intervistat mill-Ufficjal tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole kien stqarr li sa dak in-nhar kien ghadu ma roddx lura l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) lill-misruqa Maria Carmela Farrugia izda sahaq li kien "*lest li jroddhom lura jekk il-Qorti tordnalu li jaghmel hekk.*" Huwa "*… wera interess li jippartecipa fil-process ta' medjazzjoni offrut mid-DDP. Huwa jtenni li jixtieq jaghmel dan sabiex jiskuza ruhu mal-anzjana kkoncernata u jispjegalha s-sitwazzjoni li kien ghaddej minnha.*"[4] L-Ufficjal tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole irrapurtat li Maria Carmela Farrugia ma xtaqitx li tiehu sehem f'dan il-process minhabba li bezghet tkun wicc imb'wicc mal-aggressur.

Din l-Onorabbli Qorti ezaminat bir-reqqa l-konkluzjonijiet tal-Pre-Sentence Report[5] kif ukoll il-Pjan ta' kura u cioè, li "*… ghandu jkompli jibbenefika minn ghajnuna psikologika u dan sabiex ikun jista' jahdem fuq diversi diffikultajiet li qed joholqulu xi tip t'ostaklu f'hajtu.*" Fir-Rapport gie rakkomandat li: "*Fid-dawl tal-akkuzi odjerni, fosthom il-ksur tas-sentenza sospiza, l-ammissjoni tal-imputat u l-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, l-Ufficjal tal-Probation tirrakkomanda piena karcerarja fil-minimu taghha.*"

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-fatt li l-imputat radd lura fl-interezza taghha l-ammont dovut lill-parte civile u dana wara li sehh il-pre-sentencing report. Dan il-Qorti tqis li hu fatt ta` importanza kbira u fic-cirkostanzi ma tqis li piena karcerarja effettiva hi idoneja.

[4] A fol. 31
[5] A fol. 36 u 38

Din l-Onorabbli Qorti kkunsidrat it-Tieni Akkuza migjuba kontra l-Imputat u minn ezami tal-atti kollha, sabet li hija sprovvista mill-kopja legali tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tal-Imputat. Il-Qorti ukoll sprovvista minn provi rigewardanti hlas ta spejjez rigwardanti l-esperti jew periti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi ma ingabet l-ebda prova rigwardanti l-htiega ta' dak mitlub ai termini tal- artikolu 383, 384, 385 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikoli 257D(1)(b), 261 (b), (c), 263 (b), 267, 278 (2), 280(2) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti, issib lill-Imputat hati tal-Ewwel Akkuza u tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal-Tlett snin.

Ghar-rigward tat-Tieni Akkuza, liberat.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti ma takkordax dak mitlub ai termini tal-Artiloolu 533 383 384 385 u 412 C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**